MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Talba Numru. 744/2004

**Muscat Salvu**

**Vs**

**Abdilla Oliver u Attard Duminku**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' April 2004 fejn l-attur talab sabiex il-konvenuti ihallsu s-somma ta' Lm600 (sitt mitt Lira Maltin) dovuti bhala kumpens ta' senserija.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Hlas ta' kumpens ikkalkolat bhala terz tas-senserija mhallsa fil-bejgh u xiri tal-fond 539 Fra Giuseppe Zammit street, Pembroke, fil-2003, dovut ghas-sehem li ha l-attur flimkien maz-zewg konvenuti sabiex isehh in-negozju

imsemmi, liema senserija giet percepija fl-intier taghha miz-zewg konvenuti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti inkluzi dawk tal-ittra legali u tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Novembru 2003. L-ammont mitlub huwa Lm600.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi l-eccipjenti eccepew illi huma m'ghandhom ebda relazzjoni guridika ma' l-attur stante illi huma qatt ma ftehmu mal-attur dwar xi post jew dwar xi senserija.

Illi fil-mertu l-ebda senserija jew kumpens m'hu dovut ghal xi servizz res mill-attur specifikatament lill-eccipjenti, stante li lill-eccipjenti l-attur ma rrendilhom l-ebda servizz.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjenti jecepixxu illi ma jistghux jifmhu kif l-attur bhala kumpens ghas-servizzi resi minnu wara hali jikkomputaw ghat-terz mis-senserija li kienet dovuta. Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif premessi mill-ligi.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-azzjoni attrici hija tentattiv sabiex jigi mhallas lilhu ammont minnhu pretiz ghal sensarija lilu dovuta ghar-rigward ta' bejgh ta' propjeta. Il-konvenut ma hux la l-venditur u lanqas il-kompratur izda s-sensara li hadmu effettivament fuq l-akkwist ta' l-istess fond u li skond l-istess attur dana allega li kien hemm ftehim bejn is-sensarija li kellha ser tinqasam bejn tlieta ossia  t-tlett kontendenti.

Illi l-gurisprudenza nostrali applikabbli sal-llum stess tindika xi nhuma l-elementi sabiex sensarija tkun dovuta inkluz li s-sensar ikun ghaqqad in-negozju hu, illi bl-intervent unikament tieghu li n-negozju jkun sehh u li l-kuntratt effettivament li sar u fin-nuqqas li ma jsirx ma kienx dipendenti minnhu jew tort tieghu u li l-istess

kuntratt ma jigix konkluz. F'certu cirkostanzi sensar ma jkunx esegwixxa d-doveri kollha ta' sensar u ghalhekk ikunu lilhu dovut ammont lilhu ridott bhala kumpens ghas-servizz minnhu rez.

Minn ezami ta' xhieda prodotti jirrizulta li sia l-venditur u l-kumpratur qatt ma saru jafu lill-attur odjern. Kull parti kellha wiehed mill-konvenuti bhala sensara taghhom u n-negozju kien gie minnhom konkluz. Kull ma jirrizulta illi fejn safejn kien jaf l-kumpratur forsi kien hemm xi post ghal bejgh u biex jinstab akurrent ghalih. Pero` semplicement servizz ta' nformazzjoni ma jikkostitwix la xi servizz ta' din il-konkluzzjoni u wisq anqas gie res xi servizz ghal istess konkluzzjoni. L-attur ma rnexxilux jipprova l-anqas fuq bilanc ta' probabilita li huwa kien essenzjali fin-negozju ta' l-istess bejgh.

Jiddeciedi ghalhekk illi filwaqt li jilqa` l-eccezzjoni tal-konvenuti, jichad it-talba attrici bl-ispejjes kontra l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------